DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2020/905

tad-29 ta' Ġunju 2020

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1428 b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Maputo għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-1997 fuq il-Projbizzjoni tal-Użu, il-Kumulazzjoni, il-Produzzjoni u t-Trasferiment ta' Mini kontra l-Persunal u fuq id-Distruzzjoni tagħhom

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-4 ta' Awwissu 2017 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1428 ([1]), li jipprevedi perijodu ta' implimentazzjoni ta' 36 xahar mid-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament imsemmi fl-Artikolu 3(3) ta' dik id-Deċiżjoni, għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 tagħha.

(2) Il-ftehim ta' finanzjament mal-Unità ta' Appoġġ għall-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni fuq il-Projbizzjoni tal-Użu, il-Kumulazzjoni, il-Produzzjoni u t-Trasferiment ta' Mini kontra l-Persunal u fuq id-Distruzzjoni Tagħhom (l-'ISU'), irrappreżentat miċ-Ċentru Internazzjonali ta' Ġinevra għat-Tneħħija ta' Mini għal Skopijiet Umanitarji, li hija l-aġenzija ta' implimentazzjoni għad-Deċiżjoni (PESK) 2017/1428, ġie ffirmat fit-30 ta' Ottubru 2017 u jiskadi fid-29 ta' Ottubru 2020.

(3) Fis-16 ta' April 2020, l-ISU talbet estensjoni mingħajr spejjeż ta' erba' xhur tal-perijodu ta' implimentazzjoni tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/1428 sat-28 ta' Frar 2021, minħabba l- pandemija tal-COVID-19 u r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar internazzjonali.

(4) Il-kontinwazzjoni tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/1428 ma għandha l-ebda implikazzjoni fir-rigward tar-riżorsi finanzjarji sat-28 ta' Frar 2021.

(5) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1428 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/1428 huwa b'dan sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tiskadi fit-28 ta' Frar 2021.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Ġunju 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
A. METELKO-ZGOMBIĆ

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1428 tal-4 ta' Awwissu 2017 b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Maputo għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-1997 fuq il-Projbizzjoni tal-Użu, il-Kumulazzjoni, il-Produzzjoni u t-Trasferiment ta' Mini kontra l-Persunal u fuq id-Distruzzjoni tagħhom (ĠU L 204, 5.8.2017, p. 101).